

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-23 ta' Jannar 2014 — SKW Stahl-Metallurgie Holding u SKW Stahl-Metallurgie vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-384/09) <sup>(1)</sup>

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karbur tal-kalċju u l-manjesu għall-industrija tal-azzar u tal-gass fiż-ŻEE, minbarra l-Irlanda, Spanja, il-Portugall u r-Renju Unit — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Drittijiet tad-difiża — Imputabbiltà tal-agħir li jikkostitwixxi ksur — Obbligu ta' motivazzjoni — Multi — Ugwaljanza fit-trattament — Ċirkustanzi attenwanti — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Proporzjonalità — Responsabbiltà in solidum għall-ħlas tal-multa — Linji Gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-ammont tal-multi")

(2014/C 71/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: SKW Stahl-Metallurgie Holding AG (Unterneukirchen, il-Ġermanja); u SKW Stahl-Metallurgie GmbH (Unterneukirchen) (rappreżentanti: inizjalment A. Birnstiel, S. Janka u S. Dierckens, avukati, sussegwentement A. Birnstiel u S. Janka)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. von Lingen u A. Antoniadis, aġenti, assistiti minn A. Böhlke, avukat)

Intervenenti insostenn tar-rikorrenti: Gigaset AG (li kienet Arques Industries AG) (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Grave, A. Scheidtmann u B. Meyring, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.396 — Reġamenti bbażati fuq il-karbur tal-kalċju u l-manjesu għall-industrija tal-azzar u tal-gass), f'dak li jikkonċerna lir-rikorrenti, kif ukoll, b'mod sussidjarju, talba għall-bidla tal-imsemmija deċiżjoni, intiża, minn naħa, għall-annullament tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti jew għat-tnaqqis tal-ammont tagħha u, min-naħa l-oħra, għar-responsabbiltà ta' SKW Stahl-Technik GmbH & Co. KG tal-ammont sħiħ tal-multa, in solidum mar-rikorrenti.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) SKW Stahl-Metallurgie Holding AG u SKW Stahl-Metallurgie GmbH għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- (3) Gigaset AG għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 297, 5.12.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-23 ta' Jannar 2014 — Evonik Degussa u AlzChem vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-391/09) <sup>(1)</sup>

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karbur tal-kalċju u l-manjesu għall-industrija tal-azzar u tal-gass fiż-ŻEE, minbarra l-Irlanda, Spanja, il-Portugall u r-Renju Unit — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Imputabbiltà tal-agħir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Ċirkustanzi aggravanti — Reċidiva — Ċirkustanzi attenwanti — Proporzjonalità — Tul tal-ksur — Responsabbiltà in solidum għall-ħlas tal-multa — Linji Gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-ammont tal-multi")

(2014/C 71/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Evonik Degussa GmbH (Essen, il-Ġermanja); u AlzChem AG, li kienet AlzChem Trostberg GmbH, li kienet AlzChem Hart GmbH (Trostberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Steinle, O. Andresen u I. Bodenstein, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. von Lingen u A. Antoniadis, aġenti, assistiti minn A. Böhlke, avukat)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.396 — Reġamenti bbażati fuq il-karbur tal-kalċju u l-manjesu għall-industrija tal-azzar u tal-gass), f'dak li jikkonċerna lir-rikorrenti, kif ukoll, b'mod sussidjarju, talba għall-bidla tal-imsemmija deċiżjoni, intiża, minn naħa, għall-annullament tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti jew għat-tnaqqis tal-ammont tagħha u, min-naħa l-oħra, għar-responsabbiltà ta' SKW Stahl-Technik GmbH & Co. KG tal-ammont sħiħ tal-multa, in solidum mar-rikorrenti.

### Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 2(g) u (h) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.396 — Reġamenti bbażati fuq il-karbur tal-kalċju u l-manjesu għall-industrija tal-azzar u tal-gass), huwa annullat, sa fejn dan jikkonċerna lil Evonik Degussa GmbH u AlzChem AG, filwaqt li madankollu jiġi pprecċiżat li dan l-annullament ma jaffettwax l-effett liberatorju ta' kwalunkwe ħlas, minn waħda jew minn oħra minn dawn iż-żewġ kumpanniji, tal-multa imposta fuqhom in solidum għall-ksur ikkonstatat fl-Artikolu 1(f) tal-imsemmija deċiżjoni, fir-rigward ta' SKW Stahl-Technik GmbH & Co. KG, u l-multa li għiet imposta fuq din tal-aħħar fl-Artikolu 2(g) tal-istess deċiżjoni.